# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 105/02mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Marthese u Philip mizzewgin Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erbgha liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,604.95) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Marthese

u Philip mizzewgin Degiorgio mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1” sa “A2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’Ottubru, 2001, sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Novembru, 2001, (Dok “B”) u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li gewipprezentati kontestwalment, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta’ Marzu, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit / Dep Reg